**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

**IL-PULIZIJA**

**vs**

**Francis Azzopardi**

**Donald Azzopardi**

**Illum, 24 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li Francis Azzopardi ta' 70 sena, iben Francis u Maria nee' Cassar imwieled Qormi fid-19 ta' Mejju 1953 u li joqgħod 16, Angel Eyes, Sqaq Aloisio, Nru l, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 394053M u Donald Azzopardi ta' 47 sena, iben Francis u Pauline nee' Grech imwieled Pietà fl-4 ta' Frar 1976 u li joqgħod 10, Sqaq Aloisio, Nru 1, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 117976M, tressqu quddiem il-Qorti:

1. Akkużati talli fil-kapaċità tagħkom personali u/jew bħala persuni li tħaddmu nhar it-22 ta' Mejju 2019 matul il-ġurnata f'170-172, Triq il-Ħafur kantuniera ma Triq Haż-Żebbuġ, Attard b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħkom jew b'nuqqas ta' tħaris ta'

regolamenti, weġġa gravi Dario Azzopardi hekk kif iċċertifika it-tabib Dr Mark Attard Biancardi (M.D. 3214) u dan ai termini tal-Art. 226 (l)(a) bil-konsegwenzi ta' Art. 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġimgħat ta' qabel bħala persuni li tħaddmu nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikolu 6 ta' Att 27/2000 Kap 424.

3. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġimgħat ta' qabel nqastu milli tħarsu s-saħħa u s-sigurtà tagħkom, kif ukoll tal-persuni li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitati dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u nqastu milli tieħdu l-miżuri neċessarji sabiex ir-riskji jiġu ridotti kemm huwa raġonevolment prattiku u dan ai termini ta' artikolu 7(1) ta' Att 27/2000 Kap. 424.

4. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu li taraw li x-xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u tieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti biex tipprevjenu waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Nqastu li taraw li xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma użati dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Nqastu li taraw li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-

truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskji mill-għarqa jew korriment serju. Inqastu li taraw li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018.

5. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li qed tagħmlu xogħol fis-sit hawn fuq imsemmi nqastu li tieħdu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet mis-*supervisor* tal-proġett dwar dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u sigurtà u tieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' Art. 10 (ċ)(d) tal-A.L. 88/2018.

6. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu li qabel ma tqabbdu jew toffru xi xogħol lil xi żagħżugħ u partikularment lil Dario Azzopardi tagħmlu stima tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li setgħu jkunu prezenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw u li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol u dan ai termini ta' artikolu 3(1)(2) a, b, c, d, e tal-A.L. 91 ta' l-2000 (S.L. 424.10).

7. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi nqastu li taraw li kull żagħżugħ li mpjegat magħkom ikun f'kull ħin adegwatament protett kontra kull riskju li joħroġ mill-istima ta' periklu u tiżguraw li dak iż- żagħżugħ ikun f'kull waqt imħarreġ sew fix-xogħol lilu assenjat u sorveljat minn persuna kompetenti li tkun imħarrġa f' dik l-attivita' tax-xogħol u dan

ai termini ta' artikoli 4(1) u 4(3)(a)(b) ta' A.L. 91 ta' 2000 (S.L. 424.10).

8. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkustanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu li tagħmlu, jew li tiżguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attivita tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżulta mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini tal-artikolu 10(1) ta' A.L.36/03 (S.L. 424.18).

9. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu inqastu milli tavżaw lil Jobsplus dwar l-impjieg ta' persuni u dan ai termini tal-artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 29 ta' Settembru 2023 permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat li waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2024, wara li nqraw l-akkużi, l-imputati wieġbu mhux ħatja;

Rat illi mill-imsemmi verbal jirriżulta li l-Qorti ikkonfermat il-ħatra tal-esperti magħmula mill-Maġistrat Inkwirenti, kif ukoll ikkonfermat ir-relazzjonijiet ippreżentati bħala parti mil-*procès-verbal*.

Semgħat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali, minn fejn jirriżulta li waqt l-istess seduta tat-13 ta' Frar 2024 l-prosekuzzjoni iddikjarat li kienet għalqet il-provi, filwaqt li d-difiża wara li aċċertat ruħha li ma xtaqitx ittella ebda persuna li xehdet matul l-Inkjesta Maġisterjali għal kontroll tagħhom, waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2024 ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq;

Semgħet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Dan il-każ jinvolvi infrazzjonijiet tal-Liġijiet u Regolamenti stabbiliti dwar is-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, f'sit ta' kostruzzjoni f' 170-172, Triq il-Ħafur kantuniera ma Triq Ħaż-Żebbuġ, Attard fejn fit-22 ta' Mejju 2019 waqa żagħżugħ minn għoli waqt li kien qed jagħmel xi xogħol, u konsegwenza tal-waqgħa huwa ġarrab ġrieħi ta' natura gravi u anke kien fil-periklu tal-mewt, liema konsegwenza fortunatament ma seħħitx. Għaldaqstant tressqu ż-żewġ imputati akkużati b'dan l-aġir.

Illi in sostenn tal-akkużi miġjuba kontra l-imputati, il-Prosekuzzjoni pproduċiet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Dr David Saliba xehed bħala Uffiċjal Prosekutur** u ppreżenta Affidavit tat-tabib mediku Dottor Mark Anthony Biancardi MD kif ukoll estratt mill-att twelid maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Dario Azzopardi.

2. **Il-procès-verbal** ippreżentat mid-Deputat Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali Josanne Gauci.

3. **Dario Azzopardi** li pero' għażel id-dritt tiegħu li ma jixhidx.

4. **Louis Buhagiar xehed bħala Senior Executive mal-Agenzija Jobsplus** fejn ippreżenta Jobsplus employment history tal-imputati, u ta' Dario Azzopardi.

5. **Christina Delia** xehdet bħala Spettur fil-Korp tal-Pulizija u għarfet rapport li hija kienet ippreżentat lill-Maġistrat Inkwirenti li abbażi tiegħu kienet intefħet inkjesta. Dan ir-rapport (fol 12 u 13 tal- *procès-verbal*) kien jirrigwarda inċident li kien seħħ fuq il-post tax-xogħol fit-22 ta' Mejju 2019 f'sit ta' kostruzzjoni ġewwa Triq il-Ħafur Ħ'Attard. Hemmhekk kien weġġa' Dario Azzopardi peress li waqa' minn għoli, u kien ġie ċċertifikat li qed isofri minn ġrieħi gravi. Kienet infetħet inkjesta u kien ġie appuntat il-perit Mario Cassar. Sussegwentement Dario Azzopardi kien ta x-xhieda tiegħu quddiem l-istess perit fil-preżenza tal-avukat tiegħu Dr Kris Busietta. Ix-xhud ippreżentat xi dokumenti.

   In kontro-eżami hija tgħid illi din l-informazzjoni kienet ġabitha mingħand is-surġent bin-numru 1390 u kkonfermat ukoll illi kienet marret fuq il-post.

Illi d-difiża ma ressqet l-ebda prova, u l-imputati kif kellhom kull dritt li jagħmlu, salv għal konsiderazzjonijiet magħmula hawn taħt dwar l-oneru tal-prova dwar ċerti akkużi, għażlu li ma jixhdux.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Il-prinċipju ġenerali fil-kamp kriminali huwa dak li l-Prosekuzzjoni għandha fuq-spallita l-oneru li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri. Dan il-prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali, li

sabiex l-imputat jiġi ddikjarata ħati, l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni, jista' jingħeleb biss fejn u jekk il-liġi stess tiddetta mod ieħor.

Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li f'każ ta' reati li joħorġu minn numru ta' Liġijiet Sussidjarji taħt il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta li fuqu huma msejsa uħud mill-imputazzjoni f'dan il-każ, l-imputat huwa mgħobbi bl-oneru tal-prova biex jiskolpa ruħu minn l-akkużi kontrih. Dan m'huwiex il-każ fir-rigward tal-liġi prinċipali ċioé l-Kapitolu 424 innifsu.

Fir-Regolamenti tal-2018 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), Liġi Sussidjarja 424.36, li abbażi tiegħu l-imputat ġie akkużat bit-tieni imputazzjoni, speċifikament fir-Regolament 15, il-leġislatur ried ipoġġi l-oneru tal-prova fuq l-ispalla tal-akkużat:

> *"15. F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit."*

Bl-istess mod ir-regolament 20 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18) jistabbilixxi fuq min jaqa' l-oneru tal-prova:

> *"20. F'dawk il-proċedimenti dwar reat li jsiru taħt dawn ir-regolamenti, li jkun jikkonsisti fin-nuqqas ta' twettiq ta' dmir jew ħtieġa li ssir xi ħaġa sakemm din tkun prattika jew sakemm din tkun bir-raġun prattika, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattiċi biex issir xi ħaġa, għandu jkun jaqa' fuq l-akkużat li jipprova (skond ma jkun il-każ) illi ma kienx prattiku jew bir-raġun prattiku li jagħmel iktar milli fil-fatt sar sabiex iwettaq id-dmir*

> *jew il-ħtieġa, jew li ma kienx hemm mezzi prattiċi aħjar minn dawk li fil-fatt intużaw sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa."*

Imbagħad fejn il-prova tispetta lill-Prosekuzzjoni wieħed irid iħares lejn il-livell ta' prova mistennija fil-kamp kriminali. Huwa għaldaqstant mistenni li l-Qorti tkun konvinta li akkużi dedotti kontra l-akkużat jirriżultaw ippruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Mhux kull dubju għandu jitqies bħala dubji dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

## 2. L-Imputazzjonijiet

Għal fini tat-tieni u t-tielet akkuża li huma bbażati fuq il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti trid tapplika d-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2. Hemmhekk wieħed isib id-definizzjoni ta' 'ħaddiem' u 'min iħaddem' fost oħrajn:

> *" "ħaddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġ ta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment"*
>
> *" "min iħaddem" tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, u*
>
> *(a) għal dak li jirrigwarda xogħol magħmul taħt kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, managers, soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa;*
>
> *(b) għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha, inklużi dawk volontarji, jew għal dak li jirrigwarda xi forma oħra ta' impieg taħt kuntratt ta'servizz, tinkludi kull waħda mill-persuni li tidderieġi fuq kullħadd jew li tieħu ħsieb it-treġija ta' kuljum;"*

Il-Qorti ikkunsidrat dak li jgħid il-paragrafu (a) ta' din id-definizzjoni li fil-każ fejn ikun tqabbad kuntrattur, is-sid ikun speċifikament eskluż mid-definizzjoni ta' min iħaddem. Din l-esklużjoni ma tapplikax fil-każ li s-sid ikun forna xi għodod, tagħmir jew materjal għal difetti magħrufa jew prevedibbli li jistgħu jiżviluppaw f'tali għodod, tagħmir jew materjal.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll dak li jgħid l-artikolu 6 tal-Kap 424:

> *"6.(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*
>
> *Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att."*

Skont il-proviso ċitat meta min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, dan xorta waħda jibqa' responsabbli taħt l-obbligi li joħorġu mill-Kapitolu 424 u Regolamenti magħmula taħtu.

Din il-Qorti ikkunsidrat li l-esklużjoni fil-paragrafu (a) tad-definizzjoni ta' 'min iħaddem' u l-proviso tal-artikolu 6(1) għandhom jinqraw flimkien. Fil fehma ta' din il-Qorti fejn il-proviso jagħmel referenza għal fatt li 'min iħaddem' meta jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra ma' jkunx eżenti mir-responsabbiltà għal nuqqasijiet taħt dan l-Att, jew Regolamenti magħmula taħtu, moqri fid-dawl tad-definizzjoni ta' 'min iħaddem', ir-responsabbiltà ta' dik il-persuna li tkun qabbdet jew għamlet użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra tkun tissussisti biss fil-każ li dik il-persuna tkun forniet għodod, materjal jew tagħmir li rriżultaw difettużi, u dan id-difett kien magħruf minn dik il-persuna li tkun qabbdet jew għamlet użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra u ma ġiex indikat lilhom, jew seta' jkun magħruf.

Il-persuna li tkun tqabbdet b'dak li jingħad hawn fuq tibqa' responsabbli f-kull eventwalita. Dejjem tibqa' l-fakultà tal-Qorti li tikkunsidra l-fatti u provi kollha tal-każ.

Issa f'dan il-każ din il-Qorti tibda biex tistabbilixxi r-rwol tal-imputati f'dawn il-proċeduri mal-vittma Dario Azzopardi. Mix-xhieda u dokumenti prodotti u li jinsabu fl-atti din in-Qorti minn issa tiddikjara li għandha d-dubji serji dwar jekk l-imputat Francis Azzopardi għandux jinżamm responsabbli għal akkadut. Fil-fatt il-Qorti tagħmel referenza għall- *procès-verbal* redatt mil-Maġistrat Inkwirenti fejn hija tirrakkomanda li jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-imputat Donald Azzopardi iżda mhux kontra l-imputat Francis Azzopardi.

Mix-xhieda ta' Louis Buhagiar bħala rappreżentant tal-Agenzija Jobsplus, u mid-dokumenti minnu esebiti, ċioé l-*employment history* tal-imputati u ta' Dario Azzopardi (fol 10 sa 13), jirriżulta li Dario Azzopardi ġie reġistrat bħala *'labourer'* ma missieru Donald Azzopardi, għalkemm dan sar biss wara l-inċident ossia fl-1 ta' Ottubru 2019.

Imbagħad mir-relazzjoni tal-espert tekniku dwar saħħa u sigurtà Joseph C. Camilleri, jirriżulta li l-espert tkellem ma Ephriam Schembri, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà Schembri Barbros Ltd. li hija s-sid tal-fond fejn kien qiegħed isir l-iżvilupp li fih waqa' u weġġa Dario Azzopardi, fil-preżenza tal-avukat Dr Antonio Depasquale, fejn dan stqarr li s-soċjetà Schembri Barbros Ltd. kienet qabbdet bħala kuntrattur lill-Donald Azzopardi, u li l-vittma Dario Azzopardi, li kien it-tifel ta' Donald Azzopardi, ma kienx jaħdem mas-soċjetà Schembri Barbros Ltd. iżda ma missieru Donald Azzopardi. L-imputat Francis Azzopardi ma jissemmiex. Norbert Ciappara bħala uffiċjal u rappreżentant tal-Awtorita għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, *folio* 181 tal- *procès-verbal*, jgħid li Francis Azzopardi dak inhar kien qiegħed jgħin lill-ibnu Donald Azzopardi.

Għaldaqstant din il-Qorti, tqis li l-imputat Donald Azzopardi jaqa' taħt id-definizzjoni ta' 'min iħaddem' u l-Qorti se tkun qed tanalizza iktar fil-fond ir-responsabbiltajiet tiegħu fil-konfront tal-vittma ibnu Dario Azzopardi. Biss il-Qorti ma tqisx li Francis Azzopardi jaqa' fl-imsemmija definizzjoni u mhix se tkun qed issib ħtija fih.

**L-Ewwel Imputazzjoni:** *"1. Akkużati talli fil-kapaċità tagħkom personali u/jew bħala persuni li tħaddmu nhar it-22 ta' Mejju 2019 matul il-ġurnata f" 170-172, Triq il-Ħafur kantuniera ma Triq Haż-Żebbuġ, Attard b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħkom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, weġġa gravi Dario Azzopardi hekk kif iċċertifika it-tabib Dr Mark Attard Biancardi (M.D. 3214) u dan ai termini tal-Art. 226 (l)(a) bil-konsegwenzi ta' Art. 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi bil fatt li l-imputati kkontestaw l-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom, huma jikkontendu li l-inċident ta' 22 ta' Mejju 2019 li fih weġġa iben u neputi tal-imputati rispettivament ma ġarax minħabba nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tagħhom.

Illi għalhekk il-Qorti jeħtieġ li tistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest fil-liġi u ċioé mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-inċident ta' 22 ta' Mejju 2019 ġara minħabba nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tal-imputati, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tagħhom. Issa din il-Qorti diġà tenniet li Francis Azzopardi m'għandux jiġi meqjus bħala persuna li tħaddem. Imiss allura li l-Qorti tevalwa r-responsabbiltajiet ta' l-imputat Donald Azzopardi.

**Fil-Pulizija vs Kevin Ciantar** deċiża fil-11 ta' Jannar 2024 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ngħad li:

> *"Illi l-appellant Kevin Ciantar jinsab akkuzat b'akkuza wahda marbuta mal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghall-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali, minghajr ma taghmel referenza ghall-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali u dan stante l-fatt li l-Artikolu*

*226 jaghmel referenza diretta ghall-Artikolu 225. Dan l-ahhar Artikolu jistipula s-segwenti:*

*'225. (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).'*

*"In kwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba, din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE**:*

*"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju.*

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effetivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal- "bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe` ili fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibbilita` normali; kriterju dan li, filwaqt li iservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh flistess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27 p.46).*

*Issir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef** li ghalkemm kien kaz li jirrigwarda incident stradali, l-principji hemmhekk enuncjati xorta jsibu applikazzjoni ghall-procediment odjern:*

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi lincident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza ta rregolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

*Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.*

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.*

*L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' Regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.'*

*Il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa: "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable"*

*L-Antolisei, pero' imur oltre' mill-insenjament tal-Carrara u jqis illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas tal-osservanza tar-Regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuż ma kienx wieħed prevedibbli u dan għaliex l-osservanza ta 'dawn ir-Regoli iwasslu sabiex l-event dannuz ma iseħħx: "Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Il-Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mustafa Gohar** ghamlet referenza wkoll ghal dak li jghid Antolisei fir-rigward tal-culpa: 'Kif spjiega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*Mantovani, Padovani u Fiandaca-Musco jibnu fuq ir-regola tal-Antolisei u jallaċjawha mar-Regoli tal-prevedibbilita' u l-inevitibbilta' biex b'hekk il-culpa fil-fehma tagħhom tirrikjedi 1.*

*in-nuqqas t'intenzjoni diretta, 2. rekwiżit oġġettiv li jikkonsisti fil-ksur ta' regola ta' kondotta; 3. rekwiżit suġġettiv, jiġifieri l-abbiltà li tosserva din ir-regola; 4. l-evitabbiltà tal-avveniment permezz tal-konformità ma 'din ir-regola u 5. prevedibbiltà u evitabbiltà, jiġifieri li s-suġġett kellu l-abbiltà jew il-possibbiltà li jġib ruħu b'mod differenti.*

*Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta` Malta vs Francis Casaletto*** *ingħad illi:*

*"Skond id-dottrina l-intenzjoni hija indiretta meta l-event kien semplicement konsegwenza possibbli ta' l-actus reus, liema event jew ma kienx previst jew kien previst izda mhux mixtieq. Jekk tali event kien previst u minkejja dan l-actus reus kien mixtieq u volontarju allavolja l-konsegwenza ma kinitx mixtieqa, l-intenzjoni indiretta tissejjah posittiva. Jekk, mill-banda l-ohra, l-event possibbli ma kienx la mixtieq imma lanqas previst, l-intenzjoni indiretta tissejjah negattiva .... tammonta ghal negligenza jew casus."*

*Illi f'dan il-kuntest, din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti, ukoll kollegjalment komposta, tat-8 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet* ***Ir- Repubblika ta' Malta vs. Salvatore sive Salvu Gauci:***

*'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l- fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l- att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l- arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id- daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja.'*

*Illi ghaldaqstant, din il-Qorti trid tezamina n-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi tal-fattispeci in kwistjoni u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi u cioè jekk l-incident sehhx b'negligenza jew kienx purament incident u cioe'*

> *casus. Dan ghaliex fil-mankanza tal-prevedibilità, salv jekk mhux b'diligenza straordinarja, il-ligi ma tesigihx l-effetti dannuzi inkriminabbli, u ma tistax issib htija. In oltre, l-ezami ta' din il-Qorti jestendi ukoll ghal jekk il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaqx b'success u cioè jekk in-ness bejn l-allegat reat u l-imputat giex pruvat sodisfacentement."*

Din il-Qorti tqis li ġie stabbilit sal-grad rikjest mil-Liġi li Dario Azzopardi kien qed jaħdem fis-sit, hekk kif dan ġie kkonfermat mix-xhieda tas-*supervisor* tal-proġett folio 158 tal- *procès-verbal* bħala ħaddiem ta' l-imputat Donald Azzopardi, u waqt il-ħidma tiegħu huwa waqa u weġġa.

F'dan l-istadju din il-Qorti tistaqsi: setgħa dan l-inċident jiġi previst minn persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-*bonus pater familias*?

Issa l-imputati baqgħu siekta tul dawn il-proċeduri, għaldaqstant il-Qorti mil-provi li għandha quddiema trid tistabbilixxi inter alia jekk l-inċident seħħx minħabba *casus* u mhux *culpa*, u jekk jirriżultalha dan tal-aħħar jekk dan huwiex każ ta' *culpa laevissima* (u mhux *culpa levis* jew *culpa lata*), għax skont l-awturi Taljani, fosthom il-Manzini, *culpa laevissima* ma hijiex raġuni biżżejjed biex tinstab il-ħtija.

Din il-Qorti tqis li f'dan il-każ hija għandha tikkonsidra l-effett tan-nuqqas ta' tħaris tar-Regolamenti u Liġijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, peress li dawn ġew imfassal propju biex jiġu evitati nċidenti bħal ma għandha quddiema din il-Qorti.

Jingħad li l-Leġislatur ħass il-bżonn li jintervjeni b'Liġijiet dettaljati u onerużi propju biex inċidenti bħal dan jiġu evitati. Kieku ma kienx hemm fis-seħħ l-imsemmija Regoli u Liġijiet, din il-Qorti kien ikollha l-kompitu li tara u tevalwa x'miżuri l-imputati, bħala persuni li jħaddmu, kellhom jieħdu sabiex jiġi evitat dan l-inċident. Biss il-Qorti, minn eżami u konoxxenza tagħha ta' l-imsemmija Regoli u Liġijiet, tqis li dan l-eżerċizzju diġà tħejja b'mod akkurat mil-Leġislatur u l-Qorti tista tistrieħ

fuq dak li fassal il-Leġislatur sabiex tistabbilixxi l-prekawzjonijiet li wieħed għandu jieħu fiċ-ċirkostanzi bħal dawn tal-llum.

B'dan allura, jekk jiġi stabbilit li kien hemm nuqqas ta' tħaris tar-Regoli jew Liġijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, din il-Qorti tkun sodisfatta li l-inċident li sar f'ċirkostanzi fejn tali Regoli u Liġijiet ma ġewx rispettati, kien wieħed prevedibbli, u sakemm in-nuqqas ta' tħaris ma kienx wieħed ta' natura tant minima, li kien hemm il-grad ta' culpa li jwassal għal ħtija ta' din l-akkuża.

Dwar dan il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għar-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-Arkitett Mario Cassar fejn huwa jistabbilixxi li Dario Azzopardi waqa mil-livell tat-tieni sular, minn parti fejn ma kienx hemm *railing* protettiv (fol 19 tal- *procès-verbal*), u dana kif jidher mir-ritratti li huwa ġibed dak inhar tal-inċident (fol 30 u 31 tal- *procès-verbal*). Il-post ġie fotografat ukoll mill-esperti tax-xena tad-delitt fejn fir-ritratti FS190812 19BFF 107 u FS190812 19BFF 107 (fol 45 tal- *procès-verbal*) jidher ukoll il-post minn fejn waqa Dario Azzopardi. Hemmhekk tidher ukoll il-pala li kienet qed tintuża biex jingħata l-konkos, li baqgħet fil-konkos fil-post minn fejn waqa Dario Azzopardi.

L-espert tekniku dwar saħħa u sigurtà Joseph C. Camilleri tkellem ma Ephriam Schembri, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà Schembri Barbros Ltd. li hija is-sid tal-fond fejn kien qiegħed isir l-iżvilupp li fih waqa u weġġa Dario Azzopardi, fil-preżenza tal-avukat Dr Antonio Depasquale, fejn dan stqarr li s-soċjetà Schembri Barbros Ltd. kienet qabbdet bħala kuntrattur lill-Donald Azzopardi, u li l-vittma Dario Azzopardi li kien it-tifel ta' Donald Azzopardi ma kienx jaħdem mas-soċjetà Schembri Barbros Ltd. iżda ma missieru Donald Azzopardi.

Dwar is-sit, l-espert Camilleri jikkonferma li minn fejn waqa Dario Azzopardi ma kienx hemm ilqugħ protettiv. Huwa spiċċa ma 'l-art fil-bitħa fejn kien hemm traċċi ta' demm. Dario Azzopardi ma kienx liebes *safety harness*, u kien ingħata xogħol b'riskju għoli ta' korriment minkejja

li dan ma kellux tmintax il-sena fiż-żmien tal-inċident, u għaldaqstant kien projibit mill jingħata tali xogħol skont ir-regolamenti tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

L-espert legali Dr Marco Ciliberti jistabbilixxi illi *"Doanld Azzopardi naqas milli jagħmel ilqugħ suffiċjenti u idoneju sabiex jevita jew inaqqas ir-riskju ta' waqgħat mill-għoli f'din il-parti tal-bini li minnha waqa' Dario Azzopardi"*, kif ukoll li *"Donald Azzopardi ġiegħel, ordna jew ippermetta lilu nnifsu, lill Dario Azzopardi u lil missieru Francis Azzopardi jagħmlu xogħol f' parti tal-bini li ma kinux iħarsu b'mod tajjeb għas-saħħa u s-sigurtà ta' kull wieħed minnhom."*

Din il-Qorti hija tal-fehma li kieku Donald Azzopardi, li kien responsabbli sabiex jassigura s-saħħa u sigurtà fuq is-sit fejn kien qiegħed isir ix-xogħol, ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa biex jimminimizza r-riskji, u dana billi jobdi r-regolamenti dwar saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, dan l-inċident seta' jiġi evitat. L-imputat ma għamilx dak kollu mistenni minnu u li kien fil-poter tiegħu fil-grad kif stabbilit mil-ġurisprudenza nostrana ċitata hawn fuq, u mil-kittieba awtorittattivi f'dan il-kamp, jiġifieri sal-grad mistenni minn *bonus pater familias* sabiex jipprova jevita li jseħħ inċident fejn fih weġġgħat persuna b'mod gravi, u kif ġie iċċertifikat mit-tabib mediku Dr Mark Anthony Biancardi (fol 8) kawża tal-ġrieħi ta' natura gravi, kien fil-periklu li jitlef ħajtu, ħaġa li fortunatament ma seħħitx. Dawn il-ġrieħi u periklu ta' mewt ġew ikkonfermati wkoll mill-espert mediku maħtur mil-Qorti Dr Mario Scerri li ddeskriva l-kundizzjoni tiegħu bħala kritika.

Il-Qorti għaldaqstant tqis u ssostni li dan l-inċident seta' jiġi previst minn persuna li s-sapjenza Rumana identifikat mal-*bonus pater familias*.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat Donald Azzopardi ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

**It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet:** *"2. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġimgħat ta' qabel bħala persuni li tħaddmu nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikolu 6 ta' Att 27/2000 Kap 424." u*

*3. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġimgħat ta' qabel inqastu milli tħarsu s-saħħa u s-sigurtà tagħkom, kif ukoll tal-persuni li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitati dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u nqastu milli tieħdu l-miżuri neċessarji sabiex ir-riskji jiġu ridotti kemm huwa raġonevolment prattiku u dan ai termini ta' artikolu 7(1) ta' Att 27/2000 Kap. 424."*

Illi f'din l-imputazzjoni, l-imputati qiegħdin jiġu akkużati bħala persuni li jħaddmu, fir-rigward ta' nuqqas ta' teħid ta' passi neċessarji sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt, u nuqqas ta' tħaris tas-saħħa u sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir. Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi dawn iż-żewġ akkużi huma kompriżi u nvoluti f' xulxin.

Id-difiża waqt it-trattazzjoni orali finali tagħha tikkontendi li ma nġibitx prova li dakinhar tal-inċident l-imputati kienu qed jaħdmu jew li kienu responsabbli. Din il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tad-difiża. Il-prosekuzzjoni ippreżentat il-*procès-verbal* imsemmi hawn fuq minn fejn jirriżulta ppruvat ampjament dak li trid il-Liġi u r-Regolament għal sejbiet ta' ħtija dwar din l-imputazzjoni dwar il-persuna li kienet qed tħaddem. Issir referenza għal-*Construction Notification Form* (*folio* 132 tal-*procès-verbal*) minn fejn jirriżulta li l-post imsemmi fl-akkużi kien sit tax-xogħol kif titlob il-Liġi. Imbagħad issir refenza għall-*Health and Safety Plan* ppreżentat bħala parti mil-*procès-verbal* (*folio* 144 sa 156) u għax-xhieda tas-*supervisor* tal-proġett John Azzopardi fejn jikkonferma li l-imputat

Donald Azzopardi (*folio* 158 tal-*procès-verbal*) iffirma l-imsemmi *Health and Safety Plan.*

Diġà ġie stabbilit hawn fuq li fuq is-sit kien hemm nuqqasijiet, speċifikament peress li ma kienx hemm ilqugħ li jista jipprevjeni l-waqgħat mill-għoli minn fejn waqa iben l-imputat Donald Azzopardi, ċioe Dario Azzopardi u li dan tal-aħħar ma kienx liebes *safety harness*.

Li trid tara issa l-Qorti huwa jekk bl-aġir, jew bin-nuqqas ta' aġir, l-imputat naqasx milli jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir, jew jekk naqasx milli jħares is-saħħa u sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol.

L-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 424 li fuqu hija bażata t-tieni akkuża jidentifika dawk il-miżuri ta' prevenzjoni li wieħed għandu jieħu:

> *"(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
>
> *(a) li jiġi evitat riskju;*
>
> *(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
>
> *(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
>
> *(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
>
> *(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."*

Ta' mportanza partikolari għal dan il-każ huwa dak li jgħid il-paragrafu (e). Jirriżulta minn dak li diġa' ntqal hawn fuq li ma kienx hemm ilqugħ li jista jipprevjeni l-waqgħat mill-għoli minn fejn waqa' iben l-imputat, u li dan ma kienx liebes *safety harness*. Għal dan kien responsabbli l-imputat Donald Azzopardi.

**Il-Qorti għar-raġunijiet kif imfissra tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi dawn l-imputazzjonijiet u se ssib lill-imputat Donald Azzopardi ħati dwar it-tieni imputazzjoni, u peress li t-tielet imputazzjoni hija kompriża u nvoluta fit-tieni mputazzjoni se tkun qed titratta mal-imputat u teroga piena dwar it-tieni mputazzjoni biss.**

**Ir-raba imputazzjoni:** "*4. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu li taraw li x-xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u tieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti biex tipprevjenu waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Nqastu li*

*taraw li xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma użati dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Nqastu li taraw li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskji mill-għarqa jew korriment serju. Inqastu li taraw li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018."*

Wieħed ma jridx jinsa li għal dak li għandu x'jaqsam mal-Liġi Sussidjarja 424.36 (A.L. 88/2018) kif diġa ngħad hawn fuq l-oneru tal-prova jinkombi fuq id-difiża.

Issa f'dan il-każ il-prosekuzzjoni ġabet provi dwar in-nuqqasijiet f'dan is-sit rigwardanti l-waqgħat mill għoli, konsistenti f'nuqqas ta' lqugħ fil-gallariji, u dwar il-fatt li 'l-vittma Dario Azzopardi ma kienx liebes *harness*, prekawzjoni li setgħet offriet protezzjoni u ppreveniet dannu fl-eventwalita ta' waqgħa mill-għoli. Fost il-provi dwar dawn in-nuqqasijiet ġew anke esebiti ritratti fl-atti tal-proċess.

Għaldaqstant minn dak li kkunsidrat hawn fuq, il-Qorti jirriżultalha li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li kien hemm nuqqasijiet fuq is-sit. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' din l-akkuża kien jinkombi fuq id-difiża li tipprova li kienu ttieħdu l-miżuri xierqa u suffiċjenti biex jipprevjenu waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali lill-ħaddiema. Id-difiża dan m'għamlitux.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din ir-raba' imputazzjoni tirriżulta u għalhekk se tkun qed issib lill-imputat Donald Azzopardi ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**Il-ħames imputazzjoni:** "*5. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li qed tagħmlu xogħol fis-sit hawn fuq imsemmi nqastu li tieħdu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet mis-supervisor tal-proġett dwar dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u sigurtà u tieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' Art. 10 (ċ)(d) tal-A.L. 88/2018."*

Din l-imputazzjoni hija bbażata fuq l-artikolu 10 tal-Liġi Sussidjarja 424.36 speċifikatament fuq il-paragrafi (ċ) u (d) li jaqraw hekk:

> *"10. Sabiex ikunu ppreservati s-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, il-kuntratturi għandhom:*
> ...
> *(ċ) jieħdu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet mis-supervisor tal-proġett dwar dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u sigurtà;*
>
> *(d) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol."*

Jingħad li mill-atti tal- *procès-verbal* ippreżentat bħala prova tal-prosekuzzjoni jirriżulta li s-*supervisor* tal-proġett John Azzopardi kien xehed fit-2 ta' Settembru 2022 fejn ikkonferma li huwa ħejja kemm il-plan u r-risk assessment qabel bdew ix-xogħlijiet li ġew ippreżentati mal-*procès-verbal*. Minn risk assessment li kien sar mis-*supervisor* tal-proġett fil-15 ta' Jannar 2019, u li ġie dokumentat, kien ġie identifikat ir-riskju dwar waqgħat mill-għoli, fejn fis-sezzjoni relattiva huwa kien osserva *"edge protection methods are to be used when work exceeds 2mtrs - when not possible scaffolding or harnesses are to be provided and continuously used when working close to edges or openings."* Imbagħad huwa irrakkomanda bħala protezzjoni għal ħaddiema: *"Ensure use of edge*

*protection methods at exposed areas at all times. Safety harnesses attached to adequate anchorage points must be used when no protection is in place. The fall distance and pendulum effect shall be properly calculated and determined prior installation of anchorage points. Harnesses and other fall protection equipment that have been subject to shock load shall be tagged and immediately removed from the site."*

Fost id-dokumenti ppreżentati mis-*supervisor* tal-proġett hemm *'Construction Phase Health and Safety Plan'* datat 15 ta' Jannar 2019 li jġorr ukoll il-firma tal-imputat Donald Azzopardi fejn fil-parti li titratta r-riskju ta' waqgħat mill għoli folio 152 tal- *procès-verbal* hemm indikat hekk:

> *"6.3 Falls from a height*
>
> *Falls from a height must be physically prevented in particular by means of solid craters which are sufficiently high and have at least an end-board, a main handrail and an intermediate handrail or an equivalent alternative.*
>
> *Work at a height must be carried out only with appropriate equipment or using collective protection devices such as cradles or platforms.*
>
> *If the use of such equipment is not possible because of the nature of the work, suitable means of access must be provided and safety harnesses or other anchoring safety methods must be used."*

Issa l-Qorti tinnota li għalkemm is-*supervisor* tal-proġett waqt ix-xhieda tiegħu jgħid li waqt l-spezzjonijiet li huwa kien għamel meta kienu għaddejjin ix-xogħlijiet ma kienux ġew identifikati nuqqasijiet, il-fatt waħdu li minn imkien ma jirriżulta li Dario Azzopardi kien liebes *safety harness*, magħdud mal-fatt li ma kienx hemm *railing* fil-post minn fejn huwa waqa għal-isfel, iwassal għal konklużjoni li l-imputat, bħala persuna li tħaddem, ma kienx qed jagħti konsiderazzjoni tad-direzzjonijiet mfassla mis-*supervisor* tal-proġett dwar dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u

sigurtà fil-*'Construction Phase Health and Safety Plan'* datat 15 ta' Jannar 2019, u konsegwenzjalment ma kienx ħa 1-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, bil-konsegwenza li ħaddiem tiegħu waqa, weġġa gravi u kien fil periklu tal-mewt.

Din il-Qorti kkunsidrat dan kollu fid-dawl tar-regolament 20 tal-Liġi Sussidjarja 424.18, ċioé li kien jispetta lill-imputat li jġib il-prova li tiskolpah minn din l-imputazzjoni, f'dan il-każ li Dario Azzopardi kien liebes *safety harness* jew li kien hemm *railing* kif titlob il-Liġi u kif rakkomandat mis-*supervisor* tal-proġett, ħaġa li huwa naqas milli jagħmel.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din il-ħames imputazzjoni tirriżulta u għalhekk se tkun qed issib lill-imputat Donald Azzopardi ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**Is-sitt imputazzjoni:** *"6. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu li qabel ma tqabbdu jew toffru xi xogħol lil xi żagħżugħ u partikularment lil Dario Azzopardi tagħmlu stima tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li setgħu jkunu prezenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw u li jikkonċernaw 1-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol u dan ai termini ta' artikolu 3(1)(2) a, b, c, d, e tal-A.L. 91 ta' 1-2000 (S.L. 424.10).*

Illi din l-akkuża hija bbażata fuq ir-Regolament 3 tal-Liġi Sussidjarja 424.10 li jgħid:

> *3.(1) Qabel ma jqabbad jew joffri xi xogħol lil xi żagħżugħ, min iħaddem għandu jagħmel stima tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jista' jkun hemm fuq dak il-post tax-xogħol, u dak l-eżami għandu jiġi mtenni kull darba li jkun hemm xi kambjament kbir fil-kondizzjonijiet tax-xogħol.*

> *(2) Meta tkun qed issir din l-istima, min iħaddem għandu jqis, skond il-każ:*
>
> *(a) it-tagħmir u l-firxa tal-post tax-xogħol u tal-post fejn isir ix-xogħol;*
>
> *(b) ix-xorta, livell u żmien kemm wieħed idum espost għal aġenti fiżiċi, kimiċi u bijoloġiċi;*
>
> *(ċ) il-forma, x-xorta, il-varjetà u l-użu ta' tagħmir tax-xogħol, inkluż kull makkinarju, apparat, għodda jew oġġetti użati waqt ix-xogħol, u l-mod kif dawn jiġu wżati;*
>
> *(d) l-arranġament ta' proċessi u operazzjonijiet ta' xogħol, u l-mod kif dawn jiġu kkombinati flimkien (organizzazjoni tax-xogħol); u*
>
> *(e) il-livell ta' taħriġ u tagħlim mogħti liż-żagħżugħ.*

It-tieni Regolament jiddefinixxi persuna li jħaddem u żagħżugħ bħala:

> *"min iħaddem" tinkludi kull persuna li tħaddem lil xi minuri, jew lil xi żagħżugħ, jew li tagħti lil xi ġenitur jew persuna li jkollha l-kura u l-kustodja ta' minuri jew żagħżugħ, jew lil xi persuna oħra, xogħol biex isir minn dak il-minuri jew żagħżugħ;*
>
> *"żagħżugħ" tfisser persuna taħt it-tmintax il-sena u tinkludi minuri u adolexxent.*

Din il-Qorti diġà stabbiliet li l-imputat jaqa' taħt id-definizzjoni ta' persuna li tħaddem.

Il-prosekuzzjoni eżebiet estratt veru mir-Reġistru Pubbliku dwar atti ta' twelid li juri li Dario Azzopardi fid-data tal-inċident imsemmi f'dawn l-imputazzjonijiet kien għadu ma għalaqx it-tmintax il-sena, u għaldaqstant huwa meqjus bħala żagħżugħ fit-tifsira ċitata hawn fuq.

Waqt ix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Marzu 2022 fl-atti tal-*procès-verbal* esebit f'dawn il-proċeduri, s-*supervisor* tal-proġett John Azzopardi jikkonferma li *"Dario Azzopardi kien qed jaħdem fuq is-sit"* u li dak li normalment isir

meta jkun hemm żagħżugħ jaħdem fuq-sit, jiġifieri l-*Young Person Risk Assessment,* ma sarx peress li huwa ma ġiex mgħarraf li Dario Azzopardi ma kienx għadu għalaq it-tmintax il-sena. Dan ir-risk assessment jikkombaċi ma dak li jissemma fir-Regolament 3 ċitat hawn fuq bħala "*stima tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jista' jkun hemm fuq dak il-post tax-xogħol".*

Il-Qorti kunsidrat il-fatt li mil-provi prodotti, speċifikatament mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Jobs Plus Louis Buhagiar tat-13 ta' Frar 2024, jirriżulta li Dario Azzopardi ma kienx reġistrat bħala ħaddiem ta' Donald Azzopardi. Din il-Qorti hija tal-fehma li dan m'għandux jitqies bħala prova li Donald Azzopardi ma kienx iħaddem lill Dario Azzopardi. Il-provi kollha prodotti, partikolarment dawk dwar il-fatt li Dario Azzopardi kien fuq is-sit fejn weġġa, u d-dikjarazzjoni ta' John Azzopardi waqt ix-xhieda mhux kontestata tiegħu, jindikaw il-kuntrarju, ċioé li Dario Azzopardi kien qed jaħdem fis-sit ma l-imputat.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din is-sitt imputazzjoni tirriżulta u għalhekk se tkun qed issib lill-imputat Donald Azzopardi ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**Is-seba' imputazzjoni:** *"7. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi nqastu li taraw li kull żagħżugħ li mpjegat magħkom ikun f'kull ħin adegwatament protett kontra kull riskju li joħroġ mill-istima ta' periklu u tiżguraw li dak iż- żagħżugħ ikun f'kull waqt imħarreġ sew fix-xogħol lilu assenjat u sorveljat minn persuna kompetenti li tkun imħarrġa f' dik 1-attivita' tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 4(1) u 4(3)(a)(b) ta' A.L. 91 ta' 2000 (S.L. 424.10).*

Illi din l-imputazzjoni hija bbażata fuq ir-regolament 4 tal-Liġi Sussidjarja 424.10 li jgħid:

*“4.(1) Min iħaddem għandu jiżgura li kull żagħżugħ li jaħdem miegħu jew li jkun assenjalu xi xogħol, ikun f’kull ħin adegwatament protett kontra kull riskju li jista’ jirriżulta mill-istima msemmija fir-regolament ta’ qabel dan, u, partikolarment, għandu jiżgura li x-xogħol assenjat lil dak iż-żagħżugħ –*

*(a) ma jeċċedix il-ħila fiżika jew psikoloġika ta’ dak iż-żagħżugħ; u*

*(b) ma jkunx jesponi lil dak iż-żagħżugħ għal xi wieħed mill-aġenti kimiċi, fiżiċi jew bijoloġiċi jew għal xi wieħed mill-proċessi elenkati fl-Iskeda, jew għal xi aġent ieħor fiżiku, kimiku jew bijoloġiku li jkun tossiku, karċinoġeniku, jikkawża ħsara ġenetika li tintiret, jikkawża ħsara lil tarbija fil-ġuf jew li b’kull mod ieħor jolqot kronikament is-saħħa tal-bniedem; u*

*(ċ) ma jkunx jinvolvi riskju ta’ aċċidenti li, wieħed għandu jassumi, ma jkunux jistgħu jintgħarfu jew jiġu evitati minn żgħażagħ minħabba f’li ma jagħtux attenzjoni biżżejjed għas-sigurtà jew minħabba fin-nuqqas ta’ esperjenza jew taħriġ tagħhom; u*

*(d) ma jkunx jinvolvi riskju għas-saħħa minn temperaturi estremi ta’ kesħa jew sħana, jew minn ħsejjes jew vibrazzjonijiet.*

*(2) Żagħżugħ jista’ jitħalla jagħmel xogħol għal perjodu limitat ta’ żmien fil-preżenza ta’ xi wieħed mill-aġenti fiżiċi, kimiċi jew bijoloġiċi msemmijin fis-subregolament ta’ qabel, jekk dak ix-xogħol ikun indispensabbli għat-taħriġ vokazzjonali ta’ dak iż-żagħżugħ, b’dan illi f’kull waqt ix-xogħol isir taħt s-sorveljanza ta’ persuna kompetenti, u li ż-żagħżugħ ikun imħares kif imiss kontra r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tiegħu.*

*(3) Ikun id-dmir ta’ min iħaddem li jimpjega jew jagħti xogħol lil żagħżugħ li jiżgura li dak iż-żagħżugħ ikun f’kull waqt –*

*(a) imħarreġ sew fix-xogħol lilu assenjat, fil-qies ta’ kull riskju għas-saħħa u s-sigurtà li jista’ jkun hemm; u*

*(b) sorveljat minn persuna kompetenti li tkun imħarrġa f’dik l-attività tax-xogħol assenjata liż-żagħżugħ, inkluż l-użu ta’*

> *għodod, makkinarju u tagħmir, u li tkun tagħraf xi jkunu r-riskji involuti u l-miżuri preventivi li għandhom jittieħdu."*

Illi diġa ġie ppruvat suffiċjentement li l-imputat għandu jitqies bħala persuna li tħaddem u li Dario Azzopardi huwa żagħżugħ fit-termini tal-Liġi Sussidjarja 424.10, kif ukoll li dan tal-aħħar kien fuq is-sit imsemmi fl-imputazzjonijiet.

Din il-Qorti tqis li ġaladarba ma saritx l-istima dwar riskji u perikli għas-saħħa u s-sigurtà li jista' jkun hemm fuq is-sit, qatt ma seta' jkun f'kull ħin adegwatament protett kif trid il-Liġi.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din is-sebgħa imputazzjoni tirriżulta u għalhekk se tkun qed issib lill-imputat Donald Azzopardi ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**It-tmin imputazzjoni:** *"8. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkustanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu li tagħmlu, jew li tiżguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attivita tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżulta mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini tal-artikolu 10(1) ta' A.L.36/03 (S.L. 424.18).*

Din l-imputazzjoni hija bbażata fuq ir-Regolament 10(1) tal-Liġi Sussidjarja 424.18 li taqra hekk:

> *"10.(1) Għandu jkun id-dmir ta' kull min iħaddem u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post*

> *tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija ta' l-impriża:*
>
> *Iżda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, min iħaddem u persuna li taħdem għal rasha għandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiet tax-xogħol imwettaq u fil-post tax-xogħol, u għandhom jieħdu azzjoni xierqa."*

Din il-Qorti tqis li l-provi li l-aktar li huma relevanti għal din l-akkuża fiċ-ċirkostanzi huma x-xhieda u r-rapporti tas-*supervisor* tal-proġett John Azzopardi.

Kif diġà ingħad hawn fuq, John Azzopardi fix-xhieda tiegħu jikkonferma li huwa kien jaf li iben l-imputat Donald Azzopardi, Dario Azzopardi kien jaħdem fuq is-sit in kwistjoni, biss peress li dan ma nfurmaħx li huwa kien għadu ma għalaqx it-tmintax il-sena dan ma evalwax ir-riskji involuti dwar dan il-ħaddiem, kif titlob il-Liġi fid-dawl tal-fatt li huwa persuna taħt it-tmintax il-sena.

Li kieku John Azzopardi kellu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti huwa kien jinkludi dak ir-rapport dwar riskji relevanti.

Mix-xhieda ta' l-uffiċjal tal-Awtorita dwar is-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Norbert Ciappara folio 180 tal- *procès-verbal* jirriżulta ukoll li John Azzopardi ma kienx ġie nfurmat li kien se jingħata l-konkos. Dan ifisser li huwa ma setgħax jagħti struzzjonijiet dwar saħħa u sigurtà fuq is-sit relevanti għal dan ix-xogħol.

Għalkemm kienet saret evalwazzjoni ta' riskji li rapport dwarha jinsab eżebit fl-atti tal- *procès-verbal*, ir-riskji relatati mal-ħaddiem taħt it-18 il-sena ma ġewx identifikati peress li s-*supervisor* tal-proġett ma kienx

ngħata l-informazzjoni dwar il-fatt li Dario Azzopardi kien għadu ma għalaqx it-tmintax il-sena sabiex jidentifika u jevalwa ir-riskji relatati. Bl-istess mod s-*supervisor* tal-proġett ma setgħax jjevalwa r-riskji dwar l-għoti tal-konkrit peress li Donald Azzopardi ma nfurmaħx f'liema stadju kien wasal il-proġett. Din il-Qorti tfakkar li r-riskji huma dawk *"li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol."*

**Il-Qorti għar-raġunijiet kif imfissra tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi it-tmien imputazzjoni u se ssib lill-imputat Donald Azzopardi ħati dwarha.**

**Id-disa' imputazzjoni:** *"9. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu inqastu milli tavżaw lil Jobsplus dwar l-impjieg ta' persuni u dan ai termini tal-artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Dwar din l-imputazzjoni l-provi l-aktar importanti hija dik ta' Louis Buhagiar li xehed f'dawn il-proċeduri bħala rappreżentant tal-Agenzija Jobsplus u ppreżenta l-employment history tal-imputati u ta' Dario Azzopardi (fol 10 sa 13). Minn dawn jirriżulta biċ-ċar li Dario Azzopardi ġie reġistrat bħala 'labourer' ma missieru Donald Azzopardi fl-1 ta' Ottubru 2019. Jiġifieri fil-ġurnata tal-inċident u l'ġimgħat ta' qabel, u li għalihom issir referenza f'dawn l-akkużi, Dario Azzopardi ma kienx reġistrat għax-xogħol la ma missieru, li jiġi l-imputat Donald Azzopardi u lanqas ma' nannuħ l-imputat Francis Azzopardi.

Il-Qorti barra minn hekk tagħmel referenza għar-riżultanti tal-espert Dr. Marco Ciliberti, li mix-xhieda li sema bil-ġurament kif awtorizzat huwa jistabbilixxi:

"…

1. *Illi Dario Azzopardi ma' kienx ġie reġistrat bħala li kien impjegat ma' missieru, u dan minkejja li jirriżulta illi*

*dak inhar ta' l-inċident Dario Azzopardi kien qiegħed jesegwixxi xogħol fis-sit ta' kostruzzjoni u minkejja li jirriżulta mix-xhieda ta' John Azzopardi illi din ma kienetx l-unika okkażkjoni li Dario Azzopardi kien fuq is-sit ta' kostruzzjoni jesegwixxi xogħolijiet;*

2. *Illi ma hemmx dubju illi Dario Azzopardi kien qiegħed jespleta r'rwol ta' 'bennej' fuq is-sit in kwistjoni, tant illi fir-rikors tad-9 ta' Lulju 2019 intavolat fost oħrajn minn Donald Azzopardi jinghad illi Dario Azzopardi huwa "wieħed mill-bennejja li kien qiegħed jaħdem fuq is-sit" u li dan "waqa' minn fejn kien qiegħed jaħdem; ...”*

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din id-disa' imputazzjoni tirriżulta u għalhekk se tkun qed issib lill-imputat Donald Azzopardi ħati ta' din l-imputazzjoni.**

## C. <u>Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandha tiġi inflitta. Dan kien inċident serju li fih weġġħa żagħżugħ gravement u saħansitra kien fil-periklu tal-mewt. Dan kien inċident sfortunat li bil-prekawzjonijiet imfassla fil-Liġi u Regolament applikabbli seta' ġie evitat. Tirrikonoxxi wkoll li dan l-inċident ma seħħx b'xi ksuħat da parti tal-imputat, bħal ma kien ikun il-każ fejn l-imputat kien qiegħed isuq vettura b'sewqan eċċessiv jew taħt l-effetti tal-alkoħol u tajjar persuna.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-iskop tal-piena ma għandux ikun wieħed ta' tpattija. Il-piena ma għandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjetà fil-konfront tal-ħati. Pero il-piena għandha diversi skopijiet fosthom li jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil ta' dak li jkun.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-Qrati tagħna, f'ċerta każijiet fejn persuni nstabu ħatja ta' omiċidju involontarju ma ngħatawx piena karċerarja effettiva.

Wara li l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ħa diversi prekawzjonijiet, għalkemm mhux il-prekawzjonijiet kollha, u wara li kkunsidrat ukoll li ma huwiex persuna ta' kondotta vjolenti jew li għandu bżonn xi tip ta' riforma fil-karattru tiegħu, jidhrilha li ma għandhiex tinfliġġi piena ta' priġunerija effettiva.

## D. <u>Deċide</u>

Għal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-imputat Francis Azzopardi detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 394053M mhux ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u minnhom tilliberaħ, u wara li rat l-artikoli 226(1)(a) u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 2, 6(1)(2), 7(1), u 38(1)(3) tal-Kapitolu 424, ir-Regolamenti 10(ċ)(d), 15, u l-paragrafi 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 tal-iSkeda IV, Taqsima B, Sezzjoni II tal-Liġi Sussidjarja 424.36, ir-regolamenti 3(1)(2)(a)(b)(ċ)(d)(e), 4(1)(3)(a)(b) tal-Liġi Sussidjarja 424.10, ir-regolament 10(1) tal-Liġi Sussidjarja 424.18 u l-artikoli 36 u 54(1) tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta issib l-imputat Donald Azzopardi detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 117976M, ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija dwar l-ewwel imputazzjoni u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' sentejn (2) li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ, u b'assorbiment tal-piena tat-tieni u tar-raba' sad-disgħa imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni skont l-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ulterjorment tikkundannah għal-piena ta' multa ta' tmint elef u ħames mitt Ewro (€8,500) (rappreżentanti nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tieni imputazzjoni, t-tielet imputazzjoni hija kompriża u nvoluta fit-tieni mputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għar-raba' mputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għal-ħames imputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għal-sitt imputazzjoni, nofs l-ammont

ta’ elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għas-sebgħa mputazzjoni, nofs l-ammont ta’ elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tmin imputazzjoni, u nofs l-ammont ta’ elfejn Ewro (€2,000) għad-disgħa mputazzjoni).

A tenur tal-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta’ priġunerija.

Fl-aħħar nett bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal- tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti qiegħda tordna lil ħati jħallas l-ammont ta’ elf seba’ mija u tlettax il-Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu tal-Ewro (€1,713.28) flimkien mal-ispejjeż relatati mal-perit espert Joseph Camilleri kif stabbilit mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, rappreżentanti spejjez peritali. F’każ li tali ammont jew parti minnu ma jitħallasx għandu jiġi konvertit fi priġunerija ai termini tal-liġi. Għal dan il-għan il-Qorti tordna l-kommunika ta’ din is-sentenza lir- Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**